MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2025

Appell Inferjuri Numru 7/2024 LM

**Dr Nadya Bezzina Fiott għan-nom tagħha**
**u ta' uliedha minuri Pearl u Crystal Bezzina Fiott**
*('l-appellanta* proprio et nomine'*)*

***vs.***

**Andrei Scerri eżerċenti l-kummerċ bħala AK Malta**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attriċi **Dr Nadya Bezzina Fiott għan-nom tagħha u ta' uliedha minuri Pearl u Crystal Bezzina Fiott** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta *proprio et nomine'*], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fil-25 ta' April, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċida t-talbiet tal-appellanta

*pro et nomine* fil-konfront tal-appellat **Andrei Scerri eżerċenti l-kummerċ bħala AK Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

> "*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba ta' Dr Nadia Bezzina Fiott għan-nom tagħha u ta' uliedha minuri Pearl u Crystal Bezzina Fiott, filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Andrei Scerri eżerċenti l-kummerċ bħala AK Malta. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.*"

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-avviż tat-talba tagħha, l-attriċi spjegat li lejn l-aħħar ta' Marzu 2021, hija kienet qiegħda tfittex *summer school* għal uliedha minuri ta' tmienja (8) u ħames (5) snin għal waqt il-vaganzi tas-sajf. Qalet li ftit qabel faqqgħet il-pandemija tal-COVID, bintha l-kbira kienet tattendi għal-lezzjonijiet tal-arti ma' AK Malta, fejn l-għalliema tagħha kienet Kelsey May Connor, u taħt id-direzzjoni ta' din l-għalliema, bintha kienet tmur l-iskola kuntenta u tattendi b'entużjażmu u interess. Kompliet tgħid li bintha bdiet titlobha sabiex tkun tista' tattendi l-lezzjonijiet tal-arti ma' Ms Kelsey, u hija kienet indagat dwar jekk l-imsemmija għalliema kinitx ser tkun qiegħda tgħallem fis-*summer school* immexxija mill-konvenut. Spjegat li għal dan il-messaġġ irrisponda Andrei Scerri fit-30 ta' Marzu, 2021, fejn ikkonferma li Ms Kelsey kienet ser tkun għalliema tal-arti, u li hu l-ko-ordinatur tas-*summer school.* Kompliet tgħid li hija għalhekk irreġistrat lil uliedha f'din is-*summer school,* u anki ħallset l-ammont ta' €1,453.45ċ. Żiedet tgħid li hija ma kinitx ser tirreġistra lil uliedha li kieku ma kellhiex il-konferma tal-konvenut li l-għalliema tagħhom ser tkun Ms Kelsey. Qalet ukoll li hija kienet anki tkellmet ma' din l-għalliema, u infurmatha li bintha kienet ħerqana biex

terġa' tibda l-lezzjonijiet tal-arti magħha. L-attriċi qalet li qabel uliedha bdew jattendu din l-iskola, hija ħadet ħsieb tixtri l-materjal kollu meħtieġ u eventwalment uliedha bdew imorru l-iskola. Spjegat li wara l-ewwel ġurnata, bintha bdiet tilmenta għaliex l-għalliema tagħha ma kinitx Ms Kelsey imma persuna oħra, u dan minkejja li kellha l-konferma tal-konvenut li l-għalliema ta' uliedha kienet ser tkun Ms Kelsey. L-attriċi qalet li bintha l-kbira spiss kienet tistaqsi meta ġejja Ms Kelsey, u t-tweġiba kienet tkun li din dalwaqt tirritorna, iżda għal xi raġuni din l-għalliema baqgħet ma tfaċċatx. Qalet li wara ftit, bintha bdiet tilmenta li s-*summer school* hija *"boring",* u bdiet tgħid li ma tridx tattendi aktar, u bdiet tivvinta l-iskużi u tilmenta minn uġigħ jew minn affarijiet oħra sabiex il-ġenituri tagħha jiġbruha mill-iskola. L-attriċi kompliet tgħid li dawn l-ilmenti kienu jieqfu hekk kif bintha jiġbruha mill-iskola. Qalet ukoll li hija sabet ruħha taħt pressjoni kbira għaliex kellha ħafna *deadlines* tax-xogħol u għalhekk kellha bżonn tibgħat lil uliedha ġo *summer school,* imma apparti li kienet diġà ħallset il-miżata li talabha l-konvenut, kien tard wisq għaliha biex tibgħat lil uliedha x'imkien ieħor. L-attriċi qalet li fid-29 ta' Lulju, 2021 hija rċeviet telefonata mill-iskola, fejn ċertu Redent Camilleri infurmaha li bintha Pearl kienet ma tiflaħx u kellha ftit deni. Qalet li r-raġel tagħha ġabar lil bintha Pearl mill-iskola, iżda meta din marret id-dar, hija sabet li mhux ma kienx minnu li bintha kellha d-deni. Kompliet tgħid li għalhekk, l-għada hija reġgħet bagħtet lil uliedha l-iskola. L-attriċi qalet li ħadd ma talabha ċertifikat mediku u ħadd ma qalilha xejn dwar bintha, u fil-fatt qattgħet ġurnata l-iskola. Qalet li però matul tmiem il-ġimgħa, bintha bdiet tilmenta li ma tiflaħx u insistiet li ommha teħodha għand tabib, u fil-fatt ħaditha għand it-tabib, li infurmaha li bintha ma kellha xejn. L-attriċi qalet li t-Tnejn ta' wara, hija reġgħet ħadet lil uliedha l-iskola, u

dawn għaddew mill-protokoll tal-prova tat-temperatura qabel daħlu fil-klassi, iżda ftit ħin wara hija rċeviet telefonata mill-iskola biex tmur tiġbor lil bintha Pearl minħabba li din kienet ma tiflaħx. Qalet li hija bbukkjat *swab test* għal dakinhar stess, li ġie negattiv, iżda sadanittant hija rċeviet telefonata mingħand oħtha li qaltilha li kienet irċeviet telefonata mill-iskola fejn ġiet infurmata li jekk ħadd m'hu se jiġbor lil Pearl u lil Crystal mill-iskola, dawn kienu ser jiġu sospiżi. Qalet li t-telefonata saret minn Andrei Scerri, u meta kellmitu, dan beda jhedded li kien ser jissospendi lil uliedha minuri mill-iskola, u dan minkejja li bintha Crystal ma kellha xejn. Qalet li meta spjegatlu li bintha Pearl kienet qiegħda ġġib ruħha b'dan il-mod għaliex huwa kien wiegħedha li ser tkun fil-klassi ma' Ms Kelsey, dan ma riedx jisma', u qalilha li jekk trid setgħet tiftaħ kawża quddiem it-Tribunal. Qalet li ftit tal-ħin wara hija rċeviet messaġġ mingħand il-konvenut fejn reġa' semma s-sospensjoni, u hija wieġbet għal dan il-messaġġ billi talbitu jgħidilha taħt liema regolament kien qiegħed jhedded lil uliedha bis-sospensjoni, u qaltlu li hu gidbilha meta wiegħed li uliedha kienu ser jiġu mgħallma minn Miss Kelsey, u talbitu wkoll iroddilha lura l-flus li kienet ħallset. Qalet li meta darba hija ġabret lil uliedha kwarta tard mill-iskola, il-konvenut kien talabha l-flus. Qalet li dakinhar stess hija rċeviet telefonata mis-surġent tal-għassa ta' Ħal Qormi, li qalilha li kien irċieva rapport mingħand il-konvenut li uliedha kienu morda, u li hija kienet qiegħda tirrifjuta li tmur għalihom, iżda meta hi infurmatu li r-raġel tagħha ser imur għalihom aktar tard u spjegatlu r-retroxena, dan fehem u taha raġun. Qalet li l-għada hija reġgħet bagħtet lit-tfal l-iskola wara li kellhom r-riżultat negattiv ta' *swab test* li sarilhom, iżda ftit ħin wara li wasslet lil uliedha l-iskola, hija rċeviet messaġġ mingħand il-konvenut li bintha Pearl ma tiflaħx, u għalhekk kemm Pearl kif ukoll

Crystal tpoġġew fl-i*solation room* sakemm dawn jinġabru mill-iskola. Qalet li meta rċeviet dan il-messaġġ hija telgħet fil-klassi, fejn infurmat lill-għalliema li uliedha kienu qegħdin f'iżolament illegalment, abbużivament u minħabba l-aġir abbużiv tal-konvenut li kien qiegħed jagħmilha ta' tabib meta mhux ikkwalifikat għal hekk. Qalet li meta daħlet fil-klassi hija sabet li ma kienx minnu li uliedha kienu f'iżolament, u hija bdiet tinsisti li riedet flusha lura. Qalet li hija insistiet li tibqa' fil-klassi ma' uliedha sabiex tkun tista' tosserva l-andament tal-lezzjoni, u sabiex tkun ċerta li uliedha ma jintbagħtux f'iżolament. Qalet li f'dak il-ħin hija osservat li t-tfal ma ngħataw xejn x'jagħmlu għal tul ta' ħin, ħlief li kien hemm min ingħata biċċa karta biex joqgħod ipinġi fuqha dak li jiġih f'moħħu. Qalet li ftit ħin wara hija ġiet mgħarrfa li l-konvenut oġġezzjona li hija tkun fil-klassi ma' uliedha, iżda hija ddeċidiet li tibqa' fil-bini tal-iskola sabiex tkun ċerta li uliedha ma jintbagħtux f'iżolament. Qalet ukoll li sakemm kienet għadha fil-bini tal-iskola, daħlu tliet pulizija li bdew jittawlu fil-klassi mit-tieqa tal-bieb. Qalet li waqt li hija kienet qiegħda titkellem mal-pulizija, daħal il-konvenut u hija bdiet tipprova tispjegalu li bintha kienet qiegħda tivvinta kull skuża biex ma tmurx l-iskola għaliex riedet tkun fil-klassi ma' Ms Kelsey. Kompliet tgħid li l-konvenut ġab ruħhu b'mod arroganti, u daħal fil-klassi minn fejn ħareġ lil bintha Pearl. Qalet li hija ppruvat tiftaħ il-bieb biex terġa' ddaħħal lil bintha fil-klassi, iżda l-konvenut imbotta l-bieb b'saħħa sabiex hija ma tkunx tista' tagħmel dan. Qalet li ftit tal-ħin wara, il-konvenut ħareġ jinfurmaha li uliedha kienu ser jiġu sospiżi mill-iskola, u dak il-ħin stess hija talbitu r-rifużjoni tal-flus imħallsa minnha. L-attriċi spjegat li kien hawn li l-konvenut talabha tibgħatlu *email,* u hija ħarġet il-*mobile* u bagħtitlu *email* dak il-ħin stess. L-attriċi qalet li wara dan kollu, hija ħadet lil uliedha l-*health centre* tal-Mosta,

fejn għal ġew iċċertifikati li l-għada setgħu jattendu l-iskola. Qalet li aktar tard l-konvenut irrispondiha *b'email,* fejn infurmaha li l-protokolli kienu disponibbli minn qabel ma ħallset għas-*summer school,* għalkemm qalet li hija la qatt kienet rat dawn il-protokolli u lanqas iffirmat għalihom. Qalet ukoll li fil-fehma tagħha dawn il-klawsoli mhumiex ġusti minħabba li jivvjolaw l-artikolu 44 *et seq*. tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ma jiswew għal xejn. Qalet li kien hawnhekk li hija rrispondiet lill-konvenut, fejn infurmatu li kienet ser tipproċedi b'azzjoni għad-danni, kif fil-fatt għamlet.

3. Il-konvenut fir-risposta tiegħu wieġeb li t-talbiet tal-attriċi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Qal li huwa d-direttur tal-iskola *Art Classes Malta*, u li kien ġie kkuntattjat mill-attriċi f'Marzu tal-2021, fejn talbet informazzjoni dwar il-programm 'InnovativeKids' *summer school* offrut minn *Art Classes Malta*, liema kors jinkludi varjetà ta' attivitajiet u korsijiet differenti. Qal li s-sit elettroniku *Art Classes Malta* jinkludi l-informazzjoni kollha kemm dwar dan il-kors partikolari, kif ukoll dwar il-korsijiet kollha offruti mill-iskola, u din l-informazzjoni kienet disponibbli għall-attriċi meta applikat biex tirreġistra lil uliedha għas-*summer school*. Qal li ulied l-attriċi attendew għal-lezzjonijiet fl-iskola bejn il-5 ta' Lulju, 2021 sat-3 t'Awwissu tal-istess sena, u matul dan il-perijodu l-imsemmija Ms Kelsey spiss kienet tkun preżenti waqt l-attivitajiet tat-tfal, u kienet tirrapporta li t-tfal qegħdin juru interess kemm mill-imġiba kif ukoll mil-livell ta' parteċipazzjoni tagħhom. Il-konvenut kompla jgħid li dan jikkontrasta ferm mal-verżjoni tal-attriċi li uliedha ma kinux interessati jattendu l-iskola. Qal li qabel beda l-programm, il-ġenituri kollha ġew infurmati bl-ismijiet tal-għalliema ta' uliedhom, u l-attriċi qatt ma ressqet xi forma ta' ilment dwar l-għalliema ta' uliedha, la qabel bdew il-lezzjonijiet u lanqas fil-perijodu li

matulu uliedha kienu qegħdin jattendu l-iskola. Kompla jgħid li għalhekk l-iskola ma setgħetx toffri alternattiva għall-għalliema li kienu ser jgħallmu lil ulied l-attriċi, ladarba hija baqgħet ma ressqet l-ebda ilment dwar dan. Il-konvenut qal li waħda mit-termini u kundizzjonijiet tal-iskola, hija li l-għalliema jistgħu jinbidlu mingħajr pre-avviż, u dan skont id-disponibbilità tagħhom, u skont il-ħtiġijiet tal-iskola, u dawn it-termini u kundizzjonijiet kienu ġew aċċettati fl-intier tagħhom mill-attriċi meta din issottomettiet l-applikazzjoni tagħha. Qal li kien hemm ġranet fejn l-attriċi għamlet użu ukoll mill-*extra program service hours,* u l-ħlas għal dawn is-sigħat żejda għadu pendenti min-naħa tagħha. Qal li ulied l-attriċi ġew sospiżi u twaqqfu milli jattendu l-iskola fit-3 t'Awwissu, 2021, abbażi ta' imġiba mhux xierqa min-naħa tal-attriċi fil-konfront tal-istaff tal-iskola, wara li hija naqset milli tikkonforma mal-i*School Covid-19 Health and Safety Protocols,* u l-linji gwida għall-iskejjel tas-sajf ippubblikati mill-awtoritajiet tas-saħħa li kienu *in vigore* f'dak il-perijodu. Qal li kemm dawn il-protokolli, kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet tal-iskola, kienu disponibbli għall-attriċi qabel ma applikat, u din l-informazzjoni ntbagħtet diversi drabi lill-ġenituri kollha anki permezz ta' *email.* Il-konvenut qal li l-possibilità ta' sospensjoni f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija protokolli, hija stabbilita fil-klawsola numru 10 tal-istess protokolli. Qal li fid-29 ta' Lulju, 2021, waqt li l-istudenti kienu l-iskola, Pearl Bezzina Fiott ħassitha ma tiflaħx u rriżulta li kellha d-deni, u għalhekk ġiet ikkuntattjata l-attriċi sabiex tmur tiġborha mill-iskola. Qal li l-lezzjonijiet setgħu jibqgħu jiġu segwiti anki mid-dar. Il-konvenut qal li fit-2 t'Awwissu, 2021, Crystal u Pearl Bezzina Fiott it-tnejn ħassewhom ma jifilħux, u għalhekk l-attriċi ntalbet tmur għalihom, għaliex kellhom xi sintomi u anki deni. Qal li l-attriċi marret l-iskola, u mingħajr ma talbet ebda

awtorizzazzjoni, baqgħet dieħla fil-klassi waqt li kienu għaddejjin il-lezzjonijiet, u rrifjutat li toħroġ anki meta ntalbet tagħmel dan. Żied jgħid li dan l-aġir ippersista minkejja r-regola li l-ġenituri ma jitħallewx jidħlu fl-iskola, liema miżura kienet infurzata mill-awtoritajiet tas-saħħa. Il-konvenut qal li barra minn hekk, l-attriċi neħħiet il-maskra fil-klassi, u injorat l-ordni li ngħatat sabiex terġa' tilbisha, u bdiet targumenta li bintha mhux veru kienet ma tiflaħx minkejja li din kienet qiegħda tisgħol. Il-konvenut qal li dan l-inċident seħħ fil-preżenza tal-għalliema u tat-tfal. Qal li l-attriċi rrifjutat li toħroġ mill-klassi, u għalhekk intalbet l-għajnuna tal-pulizija sabiex jeskortawha 'l barra, u din l-attitudni tal-attriċi kompliet minkejja li ntalbet ripetutament sabiex tikkoopera mal-iskola f'dawk iċ-ċirkostanzi. Qal li kienet l-attriċi li bl-atteġġjament tagħha vvjolat diversi regolamenti tal-iskola, u minkejja li ngħatat ċans sabiex tirregola l-azzjonijiet tagħha, hija injorathom u ma għamlet l-ebda apoloġija għall-aġir tagħha. Il-konvenut qal li l-unika triq disponibbli sabiex is-saħħa tat-tfal li jattendu l-iskola tiġi mħarsa, kienet is-sospensjoni ta' ulied l-attriċi mill-iskola. Qal li ladarba dawn l-inċidenti seħħew fil-preżenza ta' studenti oħra, l-iskola ħasset il-ħtieġa li tippubblika stqarrija pubblika li ntbagħtet lill-ġenituri kollha permezz ta' *email.*

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fil-25 ta' April, 2024, dan ċaħad it-talbiet tal-attriċi, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidra:*
>
> *Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda ilment daparti tar-rikorrenti fuq kors tas-sajf imħallas mir-rikorrenti għal żewġ uliedha minuri fl-iskola AK Malta għal-*

*lezzjonijiet tal-arti fis-sajf. Waqt inċident li seħħ ġewwa l-iskola minħabba li ġie allegat li waħda mill-minuri kienet ma tiflaħx, dan eskala u iktar tard, it-tfal ġew sospiżi. Intant ir-rikorrenti talbet ir-rifużjoni tal-flus imħallsa inkluż tal-ispejjeż inkorsi minnha għal materjal neċessarju għal dawn il-lezzjonijiet.*

*Illi jingħad mill-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima* incumbit probatio qui dicit, non qui negat *(ara diversi sentenzi ta' dan it-Tribunal kif kompost u tad-diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna nostrani).*

*Illi l-obbligu tal-provi jinkombi dejjem lil min jallega u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi dan hu element importanti ħafna fil-kamp ċivili u min irid jiddeċiedi irid jagħmel dan abbażi tal-provi mressqa.*

*Illi dan kollu ċitat japplika għall-każ odjern.*

*Illi r-rikorrenti tagħmel enfasi fuq il-fatt illi d-deċiżjoni li tibgħat iż-żewġt itfal tagħha għal-lezzjonijiet tal-arti kienet tiddependi ħafna li l-għalliema Kelsey May Connor kienet se tkun hi l-għalliema tal-arti.*

*Illi fil-fatt fl-affidavit tagħha r-rikorrenti tgħid, "*Illi jien ma kontx sejra ndaħħal lil uliedi f'din is-summer school li kieku s-Sur Andrei Scerri ma kkonfermax miegħi li Ms Kelsey sejra tkun l-għalliema tal-arti."

*Illi jidher anke mill-komunikazzjonijiet magħmula mill-istess Kelsey May Connor bħal Dok. D anness mat-talba tar-rikorrenti, illi Kelsey May Connor kienet il-Program Director ġewwa l-iskola msemmija.*

*Illi anki Dok. A annessa mat-talba tar-rikorrenti, jindika r-risposta tal-intimat fejn stqarr b'mod ċar illi "*Yes Kelsey is the Summer School Coordinator and Tutor for the Art Sessions."

*Illi min-naħa l-oħra ġiet ippreżentata email Dok. C mar-risposta tal-intimat maħruġa mill-Innovative Kids Malta u mibgħuta lil diversi nies inklużi lir-rikorrenti fejn Luana Abela tiddikjara u tintroduċi ruħha bħala l-għalliema fil-kors ta' Fine Art Drawing and Painting, dak is-sajf. Din il-komunikazzjoni hi datata 4 ta' Lulju, 2021.*

*Illi għalhekk jidher biċ-ċar illi l-argument tar-rikorrenti illi kieku ma kienx hemm is-Sinjura Connor ma kinitx se tibgħat lit-tfal tagħha għal dan il-kors, ma tantx huwa argument b'saħħtu u fil-fatt dan l-argument issemma u beda jiġi vantat meta nqalgħu l-inċidenti mal-intimat.*

*Illi t-Tribunal jinnota illi kieku r-rikorrenti kienet verament tal-opinjoni li jekk is-Sinjura Connor ma kinitx se tkun l-għalliema tat-tfal tagħha, hija ma kinitx se tibgħat lit-tfal*

*tagħha għal dawn il-lezzjonijiet, dan kienet tagħmlu mill-ewwel u mhux jgħaddi aktar minn xahar minn meta beda l-kors sakemm inqala' l-inċident imbagħad issemmiet b'iktar insistenza x-xewqa illi l-għalliema kellha tkun is-Sinjura Connor.*

*Illi mill-provi rriżulta illi l-inċident inħoloq wara li r-rikorrenti naqset milli taderixxi ruħha mal-protokolli tal-COVID-19 u l-linji gwida għall-iskejjel tas-sajf kif ippubblikati mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.*

*Illli mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti sabitha diffiċli biex taċċeta direzzjoni u ordni li magħha ma kinitx taqbel u dan fil-konfront tat-tfal tagħha meta kienu qed jiġu segwiti l-protokolli fuq imsemmija.*

*Illi wieħed irid jiftakar li ftit tas-snin ilu, iċ-ċirkostanzi ta' tħaddim ta' skola u ta' sitwazzjonijiet fejn kienu involuti numru ta' nies bħal skola tas-sajf, kienu jinvolvu numru ta' regolamenti maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa u tal-Edukazzjoni li magħhom kulħadd kellu jaderixxi jaqbel jew ma jaqbilx. Hekk kienu jitolbu ż-żminijiet u ċ-ċirkostanzi ta' dak iż-żmien.*

*Illi għalkemm dawn ir-regolamenti setgħu kienu ta' inkonvenjent, dawn kienu neċessarji fiċ-ċirkostanzi ta' dawk iż-żminijiet.*

*Illi mill-provi jirriżulta illi kienet l-istess rikorrenti ħatja illi l-inċident skala b'mod illi imbagħad kiber u wassal għal sitwazzjonijiet fejn it-tfal tagħha ġew anke sospiżi b'konsegwenza tal-atteġġjament tal-istess rikorrenti.*

*Illi dan it-Tribunal iħoss li mill-provi mressqa mir-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova dak minnha allegat u għalhekk it-talba tagħha qed tiġi miċħuda.*

*Illi dan it-Tribunal kellu kemm-il darba jsostni illi dawn il-proċeduri ma għandhomx ikunu riġidi u għalkemm ir-risposta tal-intimat ġiet ippreżentata wara t-terminu mogħti mil-liġi, it-Tribunal xorta jħoss li għandu jagħti kasha u jiċħad it-talba tal-isfilz u t-talbiet l-oħra magħmula mir-rikorrenti f'dan is-sens.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba ta' Dr Nadya Bezzina Fiott għan-nom tagħha u ta' uliedha minuri Pearl u Crystal Bezzina Fiott, filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Andrei Scerri eżerċenti l-kummerċ bħala AK Malta. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-14 ta' Mejju, 2024, l-attriċi spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata għal numru ta' raġunijiet, u għalhekk talbet lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell u tħassar id-deċiżjoni appellata u taqta' hi stess it-talba oriġinali a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

6. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta qalet li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali b'mod li ppreġudika serjament il-jeddijiet tagħha. Qalet li fl-ewwel lok, it-Tribunal kiser ir-regolament 14.2 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi (L.S. 378.01) billi ma għarrafx lill-appellanta bid-data tas-sentenza. Qalet li hija ġiet notifikata bis-sentenza fil-11 ta' Mejju, 2024 permezz tal-posta reġistrata, jiġifieri erbat ijiem biss qabel skada t-terminu tal-appell. Qalet li din il-vjolazzjoni tat-Tribunal hija aggravata bil-fatt li t-Tribunal ippersista fin-nuqqas tiegħu, minkejja li kien hemm insistenza min-naħa tagħha sabiex tiġi infurmata bid-data tas-sentenza wara li ma kinitx ingħatat fid-data meta kellha tingħata oriġinarjament. L-appellanta qalet li hija ma teskludix li t-Tribunal mexa b'dan il-mod sabiex iċaħħadha minn żmien prezzjuż li fih hija kellha tirrediġi l-appell tagħha, jew inkella sabiex hija tiġi mċaħħda mid-dritt tal-appell, u dan bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, bi preġudizzju serju għall-jeddijiet tagħha, u bi vjolazzjoni tad-dritt tagħha li tingħata smigħ xieraq. L-appellanta qalet li b'dan l-aġir tiegħu bi ksur tar-regolament 14.2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01, it-Tribunal irrenda d-deċiżjoni tiegħu nulla u bla effett.

7. L-appellanta qalet li t-tieni aggravju tagħha huwa ċar u manifest ukoll, u dan għaliex fil-fehma tagħha t-terminu preskritt fir-regolament 4.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01), ma ġiex osservat mill-appellat, b'dan illi ippreżenta r-risposta *fuori termine* b'iktar minn tliet xhur. L-appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal ma seta' qatt jissana din it-tardività, u dan għaliex mhux biss it-terminu huwa wieħed perentorju, iżda wkoll għaliex huwa wieħed ta' ordni pubbliku. L-appellanta saħqet li meta si tratta ta' osservanza ta' termini imposti mil-liġijiet speċjali kif hemm stipulat fir-regolament 4.1, tali termini ma jistgħu jiġu estiżi għall-ebda raġuni, u dan huwa prinċipju li ġie stabbilit f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna. L-appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal mhux biss ma setax jissana t-tardività tar-risposta tal-appellat, iżda kellu wkoll l-obbligu li jordna l-isfilz tagħha *ex officio.* Qalet li minflok ma għamel hekk, it-Tribunal injora t-talbiet għall-isfilz li saru minnha kemm waqt l-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2022, kif ukoll permezz ta' rikors ippreżentat fl-1 ta' Diċembru, 2022, liema rikors baqa' mhux degretat. L-appellanta qalet li d-dikjarazzjoni tat-Tribunal li l-osservanza tal-proċeduri jirrendi t-termini riġidi, huwa argument mhux biss priv minn kull prinċipju legali u ġurisprudenzjali, iżda jivvjola l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq. Qalet li bir-regolament 4.1 tal-L.S. 378.01, il-leġislatur tant ried li t-terminu hemm stabbilit jiġi osservat, li jagħti rimedju ulterjuri lill-appellanta meta dan ma jiġix osservat.

8. L-appellanta fit-tielet aggravju tagħha qalet li t-Tribunal ma laqax it-talbiet tagħha skont il-meritu u l-ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità, u dan a tenur tal-artikolu 21 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda *b'bias* qawwi u b'arbitrarjetà sħiħa kontra l-appellanta u favur l-appellat. Qalet li sa minn

qabel ingħatat is-sentenza finali, hija kienet taf li t-Tribunal kien ser jimxi b'dan il-mod fis-sentenza tiegħu, u dan minħabba l-mod anti-kostituzzjonali li bih it-Tribunal mexxa l-iter proċesswali kollu, fejn injora l-obbligi imposti fuqu bl-artikoli 23(1) u (2) tal-Kap. 370. Qalet li t-Tribunal regolarment ċanfarha lilha u mexa b'ostilità magħha għaliex ippruvat timxi ma' dak stipulat fil-Kap. 370 u fil-L.S. 371. Qalet li per eżempju waqt udjenza minnhom hija qalgħet ċanfira minħabba li ħarrket xhieda sabiex jixhdu fil-kawża tagħha, għaliex dik kienet l-ewwel dehra tagħha, u qalet li kien obbligu tat-Tribunal li jiżgura li każ, fejn ikun raġonevoli li jsir hekk, jinqata' fl-istess jum tas-smigħ tiegħu. L-appellanta qalet li minflok assigura li l-każ jinqata' fl-istess jum tas-smigħ tiegħu, it-Tribunal ħalla aktar minn sentejn biex il-proċeduri jiġu konklużi, u f'dan il-perijodu hija baqgħet tirċievi trattament ostili u anki xxekklet milli tagħmel il-kontro-eżamijiet serenament. L-appellanta qalet li għandu jirriżulta wkoll li apparti li r-rikors tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2022 baqa' qatt ma ġie degretat, it-traskrizzjonijiet tax-xhieda ma kinux qegħdin jiġu traskritti fedelment lanqas. Żiedet tgħid li minkejja li hija ġabet dan in-nuqqas a konjizzjoni tat-Tribunal diversi drabi, it-traskrizzjonijiet tranġaw biss fil-forma tagħhom, iżda l-kontenut baqa' ma ġiex traskritt fedelment, b'mod partikolari t-traskrizzjoni tal-kontro-eżami tal-appellat. Qalet li minkejja li hija infurmat b'dan lis-Segretarja tat-Tribunal, hija baqgħet tiġi ffaċċjata b'silenzju, mingħajr ebda tentattiv tat-Tribunal sabiex jassigura li r-rispett għad-drittijiet fundamentali tagħha sabiex tingħata smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, jiġi osservat.

9. L-appellanta qalet li l-konklużjonijiet tat-Tribunal huma żbaljati, u min-naħa tagħha hija ippruvat kollox mhux biss sal-grad tal-bilanċ ta' probabbilità, imma sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, jiġifieri lil hinn minn kull dubju. Qalet li

mhux minnu li waħda mill-minuri kienet ma tiflaħx, kif kkonkluda t-Tribunal, u din l-allegazzjoni tal-appellat, minkejja li ġiet aċċettata mit-Tribunal, qatt ma ġiet ippruvata mill-appellat. Qalet li bintha ġabet ruħha bil-mod kif ġabet ruħha għaliex riedet li tiġi mgħallma minn għalliema partikolari, u hija qatt ma fehmet li Luana Abela ser tkun l-għalliema ta' bintha minflok Ms Kelsey. Qalet li hija ma kinitx sejra tħallas li kieku ġiet mgħarrfa mill-appellat li Ms Kelsey ma kinitx ser tkun l-għalliema tal-arti ta' uliedha, u huwa insult għall-intelliġenza tagħha li wara li laħqet għamlet il-pjanijiet tagħha għas-sajf, it-Tribunal donnu kkonkluda li sabiex hija tkun intitolata għar-rifjużjoni, hija ma kellhiex tibgħat lil uliedha minuri s-*summer school.* Qalet li dan huwa raġunar fallaċi u jmur kontra kull sens ta' ġustizzja. L-appellanta qalet li mhux minnu lanqas li fix-xahar qabel uliedha ġew sospiżi mill-iskola, hija ma kienet ressqet l-ebda ilment, u dan għaliex kemm hi kif ukoll bintha Pearl staqsew diversi drabi għal Ms Kelsey, u bintha anki baqgħet tinsisti li ma tattendix l-iskola billi kuljum kienet tgħid li taparsi ma tiflaħx. L-appellanta saħqet li hija falza wkoll il-konsiderazzjoni ġenerali li l-inċident inħoloq wara li hija naqset milli taderixxi mal-protokolli tal-COVID-19 u l-linji gwida għall-iskejjel maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa, u t-Tribunal ma setax jasal għal din il-konklużjoni ladarba ma spjegax b'liema mod kien hemm dan in-nuqqas, u ladarba l-protokolli u l-linji gwida baqgħu qatt ma ġew ippreżentati. L-appellanta qalet li t-Tribunal donnu nesa li min jallega jrid jipprova, u hija rnexxielha tipprova diversi drabi li uliedha minuri kienu f'saħħithom. L-appellanta qalet li hija falza wkoll il-konsiderazzjoni li min-naħa tagħha hija kellha diffikultà taċċetta direzzjoni u ordnijiet li ma kinitx taqbel magħhom, u lanqas m'huwa minnu li hija naqset milli taderixxi mar-regolamenti maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa, għaliex tali regolamenti

baqgħu ma ġewx ippreżentati u ma kienux magħrufa. L-appellanta qalet li mhux veru li kien l-aġir tagħha li wassal biex is-sitwazzjoni eskalat u biex uliedha jiġu sospiżi mill-iskola, u dan għaliex kien l-appellat li talab għall-assistenza tal-Pulizija, li ma sabu xejn fuq xiex jistitwixxu proċeduri kontra tagħha. L-appellanta qalet li l-istudenti involuta kienu uliedha minuri u mhux hi, u s-sospensjoni ta' student ma setgħetx issir fuq allegazzjoni mhux ippruvata ta' aġir ħażin ta' terz. Qalet li s-sospensjoni kienet inevitabbli mhux minħabba l-aġir tagħha, iżda minħabba li bintha Pearl ma riditx b'saħħa tibqa' tmur l-iskola, billi ma kinitx kuntenta bl-għalliema li kellha.

10. L-appellanta talbet lil din il-Qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal naqas milli jagħti deċiżjoni li tonora d-dettami tal-liġi, ma ta ebda konsiderazzjoni għall-kwadru sħiħ tal-vertenza, u ma pprestax attenzjoni adegwata lill-mertu tal-każ, u b'hekk ta deċiżjoni li hija illoġika u inkoerenti mal-elementi tal-provi utilizzati.

11. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12 . Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat tul il-kors ta' dawn il-proċeduri.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali meta naqas milli jinfurmaha bid-data meta kienet ser tingħata s-sentenza]*

13. L-appellanta *pro et noe* tgħid li it-Tribunal mar kontra dak li jipprovdi l-artikolu 14.2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01, billi ma nfurmahiex bid-data tad-deċiżjoni, u hija ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni appellata erbat ijiem biss qabel skada t-terminu tal-appell, b'tali mod li hija ġiet ippreġudikata għaliex ġiet imċaħħda minn żmien prezzjuż u iffaċċjat tfixkil fl-eżerċizzju tad-dritt tagħha li tappella. Tgħid li għalhekk id-deċiżjoni appellata għandha tiġi ddikjarata nulla u bla effett.

14. Il-Qorti tirrileva li r-regola 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01 tgħid:

> "14.1 L-Arbitru għandu jiddeċiedi dwar it-talba jew kontro-talba, jekk ikun hemm, jew fi tmiem is-Seduta jew f'xi jum ieħor li jiġi wara.
>
> 14.2 Jekk id-deċiżjoni tal-Arbitru jkollha tingħata f'jum li jiġi aktar tard, l-Arbitru għandu jew verbalment fi tmiem is-seduta jew bil-miktub permezz tas-Segretarju, jgħarraf il-partijiet bil-jum meta tkun ser tingħata d-deċiżjoni.
>
> 14.3 Meta d-deċiżjoni tal-Arbitru ma tingħatax fi tmiem is-seduta din għandha tingħata kemm jista' jkun malajr u kull wieħed mill-partijiet ikun intitolat jitlob mingħand is-Segretarju kopja ta' dik id-deċiżjoni. F'ebda każ ma għandha deċiżjoni tingħata iktar tard minn erbgħin jum mid-data tal-aħħar seduta."

15. Dan ifisser li l-liġi tagħti l-fakoltà lill-Arbitru li jew jagħti deċiżjoni fi tmiem is-seduta jew f'xi jum ieħor li jiġi wara. Din ir-regola torbot lill-Arbitru li jinforma lill-partijiet bid-data li fiha tkun ser tingħata d-deċiżjoni, għalkemm imkien fil-liġi ma jingħad li jekk l-Arbitru jonqos milli jimxi ma' din il-proċedura, il-piena tkun in-nullità tad-deċiżjoni. Fil-każ odjern jirriżulta mid-dokument esebit *a fol.* 12 tal-proċess tal-appell, li l-appellanta ġiet infurmata mis-Segretarja tat-Tribunal bil-fatt li d-deċiżjoni kienet ser tintbagħat lilha bil-posta reġistrata. Ir-regoli msemmija jipprovdu wkoll għal terminu ta' erbgħin jum mid-data tal-

aħħar seduta entro liema l-Arbitru għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk l-appellanta kellha indikazzjoni tad-data meta kienet ser tingħata d-deċiżjoni. Mill-korrispondenza esebita jirriżulta wkoll li l-appellanta kellha komunikazzjoni miftuħa mas-Segretarja tat-Tribunal, u setgħet tikkomunika magħha liberalment, anki sabiex tikseb kopja tad-deċiżjoni qabel din tasal għandha bil-posta rreġistrata. Fi kwalunkwe każ ma jirriżultax li l-appellanta ġiet ippreġudikata bil-fatt li hija rċeviet id-deċiżjoni appellata ftit ġranet biss qabel għalaq it-terminu tal-appell, għaliex jirriżulta fil-fatt li hija rnexxielha tippreżenta fil-ħin l-appell tagħha, li huwa wieħed dettaljat u mirqum. Huwa minn ewl id-dinja li l-parti telliefa fi proċeduri ġudizzjarji tħoss li ma saritx ġustizzja magħha, jew li l-ġudikant li jkun iddeċieda, mexa b'mod li lilha seta' ippreġudikaha. Imma b'daqshekk ma jfissirx li l-appellanta hija korretta fl-asserzjonijiet li għamlet dwar il-komportament tal-Arbitru, jew li kienet korretta meta qalet li kienet taf li l-kwistjoni kienet ser tinqata' bil-mod kif inqatgħet, minħabba l-mod kif mexa l-Arbitru tul il-kors tal-proċeduri quddiemu. Il-Qorti tiddeplora dawn l-asserzjonijiet gratuwiti, speċjalment meta jsiru minn persuna fil-professjoni legali bħal m'hija l-appellanta. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-appellat naqas milli jippreżenta r-risposta tiegħu entro t-terminu impost mil-liġi, u t-Tribunal ma kienx korrett meta ma ordnax l-isfilz tar-risposta tiegħu mill-atti]*

16. L-appellanta *pro et noe* qalet ukoll li hija ħassitha aggravata meta l-appellat naqas milli jippreżenta r-risposta tiegħu entro t-terminu perentorju

stabbilit mil-liġi, u minkejja li kien tardiv fil-preżentata tar-risposta tiegħu, it-Tribunal naqas milli jordna l-isfilz tagħha mill-atti proċesswali. Qalet li dan jammonta ukoll għal ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali fil-konfront tagħha u tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq, u t-termini imposti fil-liġi huma perentorji u ta' ordni pubbliku, u ma jistgħux jiġu estiżi jew imtawla bl-ebda mod.

17. Ir-regola 4.1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01 jgħid li:

> "L-intimat għandu tmintax-il jum biex iwieġeb għal talba li jibdew għaddejjin mill-jum meta huwa jiġi notifikat bl-Avviż tat-Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwieġeb, ir-rikorrrent jista' skont ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinħareġ ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat."

18. Fil-każ odjern jirriżulta li minkejja li l-appellanta *pro et noe*, bħala rikorrenti, b'mod attiv talbet li jiġi ordnat l-isfilz tar-risposta tal-appellat mill-atti proċesswali, it-Tribunal dan naqas milli jagħmel dan, u għalkemm l-appellanta ippreżentat rikors *ad hoc* fejn talbet l-isfilz tar-risposta mill-atti, l-Arbitru naqas milli jagħti digriet jew ordni dwar dan. Jirriżulta wkoll li l-Arbitru ħa konjizzjoni tar-risposta tal-appellat, tant hu hekk li fid-deċiżjoni tiegħu qal li qiegħed jilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati minnu. Fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01 imkien ma jingħad li jekk l-Arbitru jonqos milli jordna l-isfilz ta' risposta tardiva mill-atti proċesswali, id-deċiżjoni li tingħata mit-Tribunal tkun nulla, kif qiegħda tallega l-appellanta. L-appellanta tgħid li l-aġir tal-Arbitru jammonta għal ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, u tgħid li fil-każ odjern inkisru wkoll prinċipji ta' ġustizzja naturali għaliex l-appellat tħalla jdaħħal ir-risposta tiegħu tardivament, mingħajr ebda konsegwenza. Fid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal spjega li r-risposta tal-appellat ġiet aċċettata,

għaliex il-proċeduri quddiemu m'għandhomx ikunu riġidi, u huwa għalhekk li huwa ċaħad it-talba tal-appellanta għall-isfilz tar-risposta mill-proċess. Ingħatat spjegazzjoni wkoll għall-ilment tal-appellanta li t-*transcripts* tax-xhieda ma sarux b'mod li ġiet traskritta kull kelma li ntqalet waqt is-seduta, u r-raġuni għalfejn is-Segretarja tat-Tribunal hija selettiva f'dak li tniżżel fit-*transcripts,* hija minħabba nuqqas ta' riżorsi u pressjoni ta' xogħol.

19. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li dawn mhumiex iċ-ċirkostanzi ideali li għandu jopera fihom it-Tribunal, madanakollu l-appellanta naqset milli tispjega kif sewwa sew ġew miksura l-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew kif inkiser il-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq bid-deċiżjoni tal-Arbitru li jikkunsidra r-risposta tal-appellat minkejja t-tardività. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti taqbel ma' dak li qal it-Tribunal, li l-proċeduri quddiemu huma maħsuba biex ikunu inqas riġidi minn proċeduri quddiem il-qrati ordinarji. Fil-fatt it-Tribunal ġie mwaqqaf b'liġi mhux biss biex inaqqas il-pressjoni minn fuq il-qrati, iżda wkoll sabiex iċ-ċittadin ikun aktar propens li jitlob għal rimedju f'ambjent li fih jitħaddmu anqas riġidità u formaliżmi. Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[L-appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jilqa' t-talbiet tagħha skont il-mertu u l-ġustizzja u l-ekwità, bi ksur tal-artikolu 21 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta]*

20. L-appellanta *pro et noe* tgħid li t-Tribunal kiser l-obbligi imposti fuqu bl-artikoli 23(1) u (2) tal-Kap. 378, tant hu hekk dam sentejn biex ikkonkluda l-proċeduri istitwiti minnha. Qalet li tul dan iż-żmien kollu, hija rċeviet trattament

ostili, u kellha tagħmel diversi oġġezzjonijiet, anki għaliex it-traskrizzjonijiet tax-xhieda ma sarux b'mod fidil għal dak li ntqal mix-xhieda. Qalet li hija rnexxielha tipprova l-każ tagħha mhux biss sal-grad ta' prova meħtieġ fi proċeduri ċivili, iżda b'mod li jelimina kull dubju dettat mir-raġuni. L-appellanta *pro et noe* tgħid li hija ppruvat li bintha kienet f'sikkitha, u għalhekk mhux minnu li hija kienet bagħtet lil bintha l-iskola ma tiflaħx, u hija ma kinitx disposta li tħallas għas-*summer school* li kieku kienet infurmata minn qabel li l-għalliema ta' bintha ma kinitx ser tkun Ms Kelsey. Qalet ukoll li mhux minnu li l-inċident in kwistjoni inħoloq għaliex hija ma riditx timxi mal-protokolli u mar-regolamenti tal-awtoritajiet tas-saħħa, u lanqas m'huwa minnu li kien l-aġir tagħha li wassal sabiex is-sitwazzjoni eskalat sal-punt li uliedha ġew sospiżi mill-iskola. Qalet ukoll li kien l-appellat li talab għall-assistenza tal-pulizija, u dan ma kellu l-ebda raġun jissospendi lil uliedha mill-iskola, għaliex dawn ġew ikkastigati għal dak li allegatament għamlet ommhom, u mhux għal xi ħaġa li jaħtu għaliha l-ulied minuri direttament.

21. Fl-ewwel lok, il-Qorti terġa' ttenni li l-impressjoni li ħadet l-appellanta *pro et noe* dwar il-mod kif mexa t-Tribunal waqt il-proċeduri quddiemu, ma kelliex neċessarjament għandha tiġi interpretata bħala ostilità. Dan għaliex kif ġie spjegat lilha, it-Tribunal għandu l-pressjonijiet u d-diffikultajiet tiegħu, inkluż problemi ta' riżorsi umani li minħabba fihom is-Segretarja tat-Tribunal ingħatat ċerta diskrezzjoni fil-mod kif tittraskrivi x-xhieda li jagħtu d-depożizzjoni tagħhom quddiemu. Dan fil-kuntest tal-fatt li t-Tribunal għandu segretarja waħda, iżda numru ta' Arbitri, li mhux neċessarjament kollha jisimgħu diversi xhieda qabel jagħtu d-deċiżjoni tagħhom, u f'ċirkostanzi fejn idealment id-deċiżjoni tingħata fl-istess ġurnata li jsir is-smigħ tal-kawża.

22. Il-Qorti tirrileva wkoll li deċiżjoni tat-Tribunal hija suġġetta għal reviżjoni minn din il-Qorti fejn jinstab li t-Tribunal ma jkunx ippresta attenzjoni adegwata għall-mertu tal-każ, jew fejn l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mit-Tribunal tkun nieqsa mir-raġuni, jew inkella fejn il-konklużjoni tat-Tribunal hija waħda nieqsa mil-loġika. Il-Qorti filwaqt li taqbel mal-appellanta *pro et noe* li hija rnexxielha tipprova, lil hinn minn kull dubju, li bintha ma kinitx marida meta ntbagħtet l-iskola, fl-istess ħin hemm numru ta’ konsiderazzjonijiet oħra li għandha tqis. Fl-ewwel lok, il-kuntest hawnhekk huwa ta’ organizzazzjoni ta’ *summer school* fix-xhur ta’ wara li kienet faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19 madwar id-dinja, fejn kellhom jittieħdu numru ta’ miżuri stretti sabiex titnaqqas il-firxa tal-marda, u sabiex jiġi assigurat li kull persuna li turi l-iċken sintomu tal-marda ma titħalliex tissoċjalizza. Hawnhekk jirriżulta li huwa għal kollox fallaċi dak li qalet l-appellanta li hija ma kinitx taf xi protokolli u miżuri kienu fis-seħħ fl-iskejjel fiż-żmien rilevanti. L-appellanta tgħid li hija ma kinitx ser tirreġistra lil bintha fl-iskola tal-appellat, li kieku ma kellhiex l-aċċertament tiegħu li l-għalliema ta’ bintha kienet ser tkun Ms Kelsey. Madankollu, minkejja li jirriżulta mill-atti li l-appellanta kienet infurmata li l-għalliema ta’ bintha kienet ser tkun persuna oħra, l-appellanta bl-ebda mod ma oġġezzjonat jew infurmat lill-appellat li uliedha ma kinux ser jattendu l-iskola, għaliex huma riedu jattendu biss jekk l-għalliema tagħhom tkun Ms Kelsey. L-appellanta tgħid ukoll li mhux minnu li l-inċident inħoloq għaliex hija ma riditx timxi mal-protokolli tal-awtoritajiet edukattivi u tas-saħħa, u mhux minnu lanqas li kien l-aġir tagħha li wassal biex is-sitwazzjoni eskalat. Hawnhekk il-Qorti tfakkar li għal bosta xhur, il-ġenituri tat-tfal mad-dinja kollha, ingħataw struzzjonijiet espliċiti sabiex ma jibagħtux lil uliedhom l-iskola jekk dawn ikollhom imqar l-iċken sintomu, u fil-fatt kull ġenitur

kien mistenni li jippreżenta ċertifikat mediku f'każ li l-ulied ifallu mqar ġurnata waħda mill-iskola. Kienu dawn uħud mill-miżuri u l-prekawzjonijiet li ttieħdu mill-awtoritajiet kompetenti f'dan iż-żmien partikolari. Miżura oħra kienet li l-ġenituri ma tħallewx jidħlu fil-bini tal-iskejjel għall-ebda raġuni, u dan sabiex kemm jista' jkun persuni li ma kellhomx għalfejn ikunu fil-bini tal-iskola, ma jkunux hemm għalxejn, sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-firxa tal-pandemija. Minkejja dan, l-appellanta dehrilha li għandha tidħol fl-iskola fejn kienu qegħdin jattendu uliedha, u tpoġġi bil-qiegħda fil-klassi bħallikieku hija studenta, u wara li ġabet ruħha b'dan il-mod, dehrilha li kellha tgħaddi ġudizzju fuq il-mod kif kienu qegħdin jitmexxew l-attivitajiet f'din l-iskola partikolari. Il-Qorti hija tal-fehma li l-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ekwità jitolbu li f'dan il-każ it-talbiet tal-appellanta jiġu miċħuda, partikolarment ladarba jirriżulta li uliedha laħqu attendew għas-*summer school* in kwistjoni għal perijodu ta' erba' ġimgħat minn total ta' seba' ġimgħat li hija ħallset għalihom. Jirriżulta wkoll li kieku mhux għaliex hija għażlet li ġġib ruħha bil-mod kif ġabet ruħha, b'tali mod li enfasizzat l-esiġenzi ta' ħin tax-xogħol tagħha, minflok qieset iċ-ċirkostanzi diffiċli li kien qiegħed jiffaċċja min kien responsabbli mit-tmexxija ta' skola fiż-żmien in kwistjoni, apparti l-ġenituri ta' tfal oħra fl-istess skola, uliedha ma kinux jiġu sospiżi mill-iskola. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellanta mhuwiex mistħoqq, u għalhekk tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**